GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data:** **30 ta' Ġunju 2023** **Ref: DDLTS 19/2023**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **Stedina għal eTwinning VET Seminar fi Spanja**

---

L-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning (NSO) tixtieq tistieden żewġ edukaturi li jgħallmu suġġetti tal-VET biex jattendu seminar tal-eTwinning fi Spanja. Is-seminar ser isir f'Madrid mis-26 sat-28 ta' Ottubru 2023. L-akkomodazzjoni, l-ispejjeż tas-seminar u t-titjiriet se jkunu koperti u bbukkjati mill-NSO tal-eTwinning.

- **Data:** 26-28 ta'Ottubru 2023
- **Taħriġ fl-eTwinning**: Bidu u Intermedju
- **Edukaturi mistiedna:** Edukaturi li jgħallmu suġġetti tal-VET
- **Min qed jorganizza:** Spanja
- **Lingwa:** Ingliż

**Applikazzjoni**
L-edukaturi huma mistiedna japplikaw għas-seminar billi jimlew il-*Formola ta' Applikazzj*oni hawn taħt sat-**Tlieta 4 ta' Lulju 2023.**
Ħolqa: https://eu.jotform.com/form/231722738903357
***Il-parteċipanti magħżula mbagħad se jiġu kkuntattjati biex jissottomettu formola bl-approvazzjoni tal-kap tal-iskola u l-kap tal-kulleġġ.***

**Kriterji biex participant jintgħażel**
- L-applikanti interessati jrid ikollhom login tal-UE u jkunu rreġistrati fl-eTwinning.
- Edukaturi li jgħallmu suġġetti tal-VET
- Edukaturi li ħadu sehem f'Seminars/PDWs tal-eTwinning barra minn Malta fl-aħħar 3 snin ma jiġux ikkunsidrati.
- Minħabba l-ispazji limitati l-applikazzjonijiet jintlaqgħu fuq bażi *first come first served.*

**Rapport/Disseminazzjoni/Aspettattivi**
- Il-parteċipanti jridu jissottomettu rapport wieħed bejniethom fi żmien ħamest ijiem wara l-avveniment.
- Huma mistennija jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-istaff/kollegi tal-iskola. Kwalunkwe preżentazzjoni jew kitba li tirrefletti l-beneficcji ta' din l-esperjenza għandhom ikunu dokumentati u mibgħuta lill-*etwinning@ilearn.edu.mt.* Il-kitbiet jistgħu jiġu inklużi fin-Newsletter tal-eTwinning, fil-paġna ta' Facebook jew fil-Websajt.
- L-Edukaturi interessati jridu jkunu reġistrati b'*login* tal EU fil-portal tal-eTwinning https://school-education.ec.europa.eu/en/etwinning u jirreġistraw proġett tal-eTwinning ma' edukaturi Ewropej.

Għal mistoqsijiet jew għal aktar informazzjoni ikkuntattjana permezz ta' ittre fuq: etwinning@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**